MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tad-19 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 196/1993/2

**Joseph Mifsud, Doris Mifsud martu, Spiridione, Carmen mart Horace Scicluna, Marianna mart Emanuel Bonnici, ahwa Mifsud, in-nisa bl-assistenza ta' zwieghom**

**vs**

**Andrew Cassar u Clive Cassar**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:-

Illi minhabba imprudenza, negligenza, u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti u tar-regoli ta' komportament mistenni da parti tal-konvenuti, u dan b'dannu tal-atturi, gew kagunati danni meta fil-10 ta' Marzu 1991 ghal xi 1-10.30 am fil-

Bajja ta’ San Tumas, il-konvenut Clive Cassar skarga tir minn senter ta’ missieru Andrew Cassar, li bi traskuragni u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti halla l-istess senter jispicca f’idejn ibnu minuri, u kkawza l-mewt ta’ Horace sive Grezzju Mifsud, li tieghu l-atturi huma bil-ligi eredi.

Illi dawn id-danni, kemm bhal danni emergenti u kemm bhal lucrum cessans, jikkonsistu fil-hsara fil-karozza, u l-mewt tal-istess Horace Mifsud.

Illi minkejja kull interpellazzjoni, ma kienx hemm risarciment mill-konvenuti.

Ghalhekk l-atturi qed jitolbu li l-konvenuti jigu dikjarati responsabbli tad-danni sofferti mill-atturi meta fl-10 ta’ Marzu 1991 ghal xi 1-10am fil-Bajja ta’ San Tumas, il-konvenut Clive Cassar skarga tir minn senter ta’ missieru Andrew Cassar, li bi traskuragni u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti halla l-istess senter jispicca f’idejn ibnu minuri u kkawza l-mewt ta’ Horace sive Grezzju Mifsud li tieghu l-atturi huma bil-ligi eredi. L-atturi qed jitolbu ukoll li jigi likwidati dawn id-danni u li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti li gew ingunti ukoll ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut Andrew Cassar fejn gie eccepit illi t-talbiet attrici in kwantu diretti lejh huma assolutament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess atturi peress illi l-eccipjenti bl-ebda mod ma kellu x’jaqsam mal-incident imsemmi fic-citazzjoni u bl-ebda mod ma kien imprudenti, traskurat jew negligenti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess konvenut Andrew Cassar, debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut l-iehor Clive Cassar fejn gie eccepit :-

1 Illi l-incident de quo ma garax bhala rizultat ta' htija jew ta' xi traskuragni jew negligenza da parti tal-eccipjenti izda kienet disgrazzja.

2 Illi ghaldaqstant it-talbiet attrici huma infondati u ghadhom jigu michuda bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess konvenut Clive Cassar debitament konfermata bil-gurament u l-ista tax-xhieda tieghu.

F'din id-dikjarazzjoni l-konvenut Clive Cassar jammetti li fil-gurnata in kwstjoni huwa ha s-senter ta' missieru, cioe' l-konvenut l-iehor liema senter, skond l-istess konvenut, kien maqful fil-kamra tas-sodda tal-genituri tieghu. Sussegwentement huwa mar ma shabu fil-Bajja ta' San Tumas biex jisparaw fuq il-bottijiet. Il-konvenut kompla jiddikjara li kif gew biex jitilqu s-senter li kellu fuq spallejh imbaram u ha f'daqqa u laqat il-windscreen tal-karozza ta' habib tieghu cioe' Horace Mifsud, li sfortunatament miet bhala konsegwenza ta' dan l-incident.

Semghat ix-xhieda prodotti mill-atturi.

Rat l-affidavits taz-zewg konvenuti u semghat lill-istess zewg konvenuti in kontro-esami.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut Andrew Cassar.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut l-iehor Clive Cassar.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-atturi.

Semghat it-trattazzjoni orali ulterjuri tad-difensur tal-konvenut Andrew Cassar.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li-l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:

L-atturi ahwa Mifsud bhala l-werrieta tal-mejjet huhom Horace Mifsud qed jiccitaw lill-konvenuti Andrew Cassar u ibnu Clive Cassar in konnessjoni ma incident li sehh fil-10 ta’ Marzu 1991 ghal xi1-10.30 ta’ filghodu fil-Bajja ta’ San Tumas. Bhala konsegwenza ta dan l-incident hu l-atturi, Horace Mifsud, safa mejjet. L-atturi qed jallegaw li bi negligenza da parti taz-zewg konvenuti giet ikkawzata l-mewt tal-imsemmi huhom u dan meta l-konvenut Clive Cassar skarga tir min senter li hu ta’ missieru cioe’ tal-konvenut l-iehor Andrew Cassar. Skond l-atturi l-konvenut Andrew Cassar kien negligenti billi halla li s-senter jigi f’idejn ibnu Clive Cassar, li fiz-zmien in kwestjoni, kien minuri.  L-atturi jallegaw li d-danni konsekwenzjali ghal dan l-incident sehhew kemm fil-karozza ta huhom kif ukoll minhabba l-mewt tal-istess huhom u cioe’ kemm bhala danni emergenti u ukoll bhala lucrum cessans. Ghalhekk l-atturi qrd jitolbu li l-konvenuti jigu dikjarati responsabbli tad-danni kollha sofferti minnhom. L-atturi qed jitolbu ukoll li jigu likwidati dawn id-danni u li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu d-danni hekk likwidati.

Il-konvenut Andrew Cassar jeccepixxi li t-talbiet attrici in kwantu diretti lejh huma infondati peress illi bl-ebda mod ma kellu x’jaqsam mal-incident in kwestjoni. Ibnu l-konvenut l-iehor Clive Cassar qed jeccepixxi li l-incident in kwestjoni ma garax bi htija jew bi traskuragni jew negligenza izda gara b’disgrazzja.

Il-kwestjonijiet li ghandhom jigu decizi huma l-ewwel jekk il-konvenut Clive Cassar kienx negligenti meta kien qed izomm is-senter ta missieru u gie sparat tir mill-istess senter li kkawza l-mewt ta’ Horace Mifsud. It-tieni ghandu jigi deciz ukoll jekk il-konvenut l-iehor Andrew Cassar kienx negligeti fil-mod kif kien qed izomm is-senter u jassikura li ibnu Clive, cioe’ l-konvenut l-iehor, li kien minuri fiz-zmien ma kellux access ghall-istess senter.

Ma jidhirx li fil-hin li gie sparat dan it-tir in kwestjoni l-arma in kwestjoni kienet qed tigi ppuntata lejn il-mejjet Horace Mifsud jew lejn xi hadd in partikolari. Dwar dan il-punt hui ta' certa importanza d-deposizzjoni tax-xhud Martin Spiteri. Dan ix-xhud kkonferma li huwa kien presenti fuq il-post tal-incident meta sehh l-istess incident. Ix-xhud izid jghid li hu pero' jiftakar certi affarijiet pero' mhux affarijiet ohra. Ix-xhud jghid li effettivament l-incident ma rahx isehh. Ix-xhud jikkomferma li kien mar ir-Ramla ma hbieb tieghu inkluz il-konvenut Clive Casar, li kellu senter. Ix-xhud jghid li hu mar ir-Ramla appuntu biex jispara. Huwa ftakar li qabel ma sehh l-incident in kwestjoni, il-konvenut Clive Cassar spara fuq ghasfur. Iktar tard wasal ir-Ramla Horace Mifsud bil-vettura tieghu. Ix-xhud jaghti rendikont kif sehh l-incident u cioe' huwa jghid li sema' sparatura u dak il-hin huwa dar biex jara ghall-liema ghasfur kien spara Clive Cassar. Dak il-hin ix-xhud jghid li ra lill-konvenut Clive Cassar jibki u ra li l-hgiega tal-karozza ta' Horace Mifsud kienet imkissra u ra ukoll li Horace Mifsud kien baqa fil-karozza tieghu. Ix-xhud qal li nduna li kienet grat xi haga serja, ghalhekk beza u telaq lill-hemm. Ix-xhud ikkonferma ukoll li s-senter baqa' il-hin kollu f'idejn il-konvenut Clive Cassar. Ghar-rigward tat-tir in kwestjoni x-xhud ma setghax jghid f'liema direzzjoni kien spara il-konvenut Clive Cassar u cioe' jekk dan tal-ahhar sparax lejn l-arja jew lejn xi ghasfur.

Minn din id-deposizzjoni tax-xhud Martin Spiteri jidher li l-konvenut Clive Cassar u shabu marru r-Ramla mhux biex jisparaw lejn il-botijiet izda biex jisparaw fuq l-ghasafar. In effett mill-istess deposizzjoni jirrizulta li l-konvenut Clive Cassar effettivament dak in-nhar in kwestjoni qabel l-incident spara fuq ghasafar u kwindi jista jkun li t-tir in kwestjoni cioe' t-tir sparat mill-konvenut Clive Cassar li kkawza din it-tragedja kien effettivament dirett lejn xi ghasfur u minflok laqat lill-vittima Horace Mifsud.
Xhud iehor li f'dak li qal ghandu jinghata certu importanza hu Brian Barbara, li kkonferma li fil-hin tal-incdent huwa kien riekeb fil-karozza tal-vittima Horace Mifsud u waqt li Horace Mifsud kien fid-"driver's seat" ix-xhud kien bi-qieghda fis-seat ta' hdejn ix-xufier. Ix-xhud ikkonferma li l-karozza tal-vittima kienet wieqfa fil-hin li sehh l-incident.

Ix-xhud jghid li ra l-konvenut Clive Cassar hiereg minn kamra, li kienet vicin fejn kienu parkeggjati, b'senter f'idejh. Sussegwentement, inspjegabilment, ix-xhud jghid li s-senter kien fuq spallejn il-konvenut Clive Cassar. Ix-xhud qal li ra lill-imsemmi konvenut inizzel is-senter u kif nizlu s-senter ha u spara. Ix-xhud ikkonferma li l-vittima Horace Mifsud intlaqat minn dan it-tir. Meta ra hekk ix-xhud jghid li beza u telaq min fuq il-post tal-incident. Ix-xhud jghid li almenu sa fejn jaf hu il-konvenut Clive Cassar u l-vittima ma kellhomx xi jghidu ma xulxin qabel l-incident in kwestjoni.
Li hu importanti fl-imsemmija deposizzjoni tax-xhud Barbara hu li x-xhud jghid li l-konvenut qabel ma gi sparat it-tir in kwestjoni kellu s-senter f'idejn. Hu minnu li x-xhud sussegwentement jghid li s-senter kien fuq spallejn il-konvenut Clive Cassar pero' hu aktar verosimili li l-konvenut Clive Cassar ra xi ghasfur u hareg mill-kamra biex dispara lill-ghasfur u meta hekk spara huwa laqat lill-vittima li kien ipparkeggjat fil-vicinanzi.

L-affidavit tal-konvenut Clive Caassar ghandu jigi esaminat mill-vicin. Fl-affidavit tieghu l-konvenut Clive Cassar ikkonferma li huwa qatt ma kellu senter tieghu pero gieli kien imur mal-hbieb biex jispara fuq il-bottijiet u ghallhekk gieli l-hbieb tieghu tawh senter biex ikun jista dispara. Il-konvenut jghid li generalment kienu jisparaw fuq il-bottijiet fir-Ramla, cioe' fejn sehh l-incident in kwestjoni. Il-konvenut ikkonferma li s-senter li kien involut f'dan l-incdent kien ta' missieru li kien ghadu kif xtrah meta gara l-incident. Il-konvenut jghid li huwa kien josserva sewwa biex ikun jaf fejn misieru kien jahbi s-senter. Il-konvenut ikkonferma li huwa qatt ma kien uza s-senter in kwestjoni qabel meta sehh dan l-incdent. Fil-gurnata in kwestjoni meta qam filghodu l-konvenut Clive Cassar qal li induna li misieru kien gia' hareg u ghalhekk mar ifittex is-senter fil-gwardarobba fejn kien ra lil missieru jahbi l-istess s-senter. Huwa fil-fatt sab is-senter u hadu. Huwa qal li kien attent hafna li ommu, li kienet rieqda fejn kienet tinsab il-gwardarobba, ma tindunax li kien ser jiehu s-senter. Wara dan huwa ltaqa mal-habib tieghu l-imsemmi Martin Spiteri u flimkien nizzlu bil-miexi r-Ramla. Ghandu jigi nnutat li l-konvenut hawnhekk ma

jsemmi xejn dwar x'kien qed jghamel bis-senter li kellu ghandu. Il-konvenut qal semplicement li meta bdew jahsbu biex jirritornaw id-dar, huwa beda jiskarika s-snter u fil-fatt zvojta l-ewwel kanna mill-iskratac. Il-konvenut jghid li meta beda miexi l-barra mill-kamra fejn kien jinsab tefa s-senter fuq spaltu "kif is-soltu jsir" u kif kien ghaddej f'parti fejn kien hemm dislivell fit-triq zelaq u s-senter li kellu fuq spallejh inbaram u waqa' ghal fuq idejh u kif hatfu spara tir.

Il-konvenut Clive Cassar dak il-hin induna li dan it-tir baqa' ghaddej minn gewwa il-windscreen tal-karozza ta' Horace Mifsud u difatti ftit wara min kien hemm fil-karozza tal-vittima hareg mill-istess karozza jghajjat. Il-konvenut induna li Horace kien ntlaqat u kien ferrut.

Minn dan l-affidavit jirrizulta li l-konvenut in kwestjoni ammetta li kienet l-ewwel darba li kien qed jaghmel uzu mis-senter in kwstjoni u kwindi kien jinkombi fuq l-istsess konvenut li jaghmel aktar attenzjoni. Hu minnu li l-konvenut fil-hin tal-incident kien ghadu minuri pero' kien wasal biex jsir maggiorenni fi ftit zmien. Ghalhekkk il-konvenut Clive Attard seta jifhem xi jfisser li iggorr arma u li taghmel uzu mill-istess arma specjalment f'post li kien frekwentat minn nies. Jidher ukoll li l-konvenut kien ukoll imdorri juza arma. Huwa jghid li kien jispara fuq bottijiet pero' jidher li l-istess konvenut kien imdorri jispara ukoll fuq ghasafar. Ghandu jinghad li jidher li kien facli ghal konvenut li jiehu s-senter ta missieru li jidher li ma kienx jinzamm maqful jew li kien verament facli li taccedi ghall-stess senter. Dak li qal il-konvenut dwar li ha s-senter ad insaputa ta' ommu hu inverosimili ghaliex in effett l-omm kienet rieqda fl-istess kamra fejn kien hemm is-senter u ghalhekk kien difficli li l-omm ma tindunax li l-konvenut binha kien dahal fil-kamra fejn kienet rieqda ommu u ha s-senter tar-ragel taghha. Jidher li l-konvenut kien imdorri jiehu s-senter u jmur bih ghall-kacca tal-ghasafar. Jidher ukoll li kienu imdorrijin b'dan anke il-genituri tal-konvemut Clive Cassar. Hu preokkupanti li l-konvenut ma jghid xejn dwar jekk uzax is-senter u kif uzah qabel ma sehh l-incident. Il-konvenut jghid li zvojta l-ewwel kanna. Kwindi dan ifisser li t-tieni kanna kien ghad ghandha l-munizzjon?

Hu in efffett inverosimili li t-tir gie sparat kif qal il-konvenut. Hu aktar verosimili li l-konvenut spara tir lejn xi ghasfur u da kit-tir laqat lill-vittima. Ma hemmx dubju li tenut kont tac-cirkostanzi kolha l-konvenut kien imprudenti u neglgenti fl-agir tieghu meta sehh dan l-incident. Kwindi l-kovenut ghandu jigi ritenut li hu responsabbli tal-mewt ta' Horace Mifsud u galhekk hu responsabbli ghad-danni kolha li sofrew l-atturi minhabba l-mewt ta' Horace Mifsud.

Ghandu jigi rilevat li l-istess konvenut Clive Cassar in kontro-esami in effett jammetti li qabel sehh l-incident huwa kien spara fuq bottijiet li fil-fatt kien qed ghollilu l-habib tieghu Martin Spiteri. Huwa kkonferma ukoll li mas-senter ha ukoll ic-cinturin fejn kien hemm il-munizzjon ghall-istess senter. Ghalhekk jidher li ma kienx facli biss ghall-konvenut Clive Cassar li jiehu s-senter izda kien ukoll facli ghalih li jiehu il-munizzjoni.

Kwantu ghall-konvenut l-iehor Andrew Cassar dan il-konnevenut fl-affidavit tieghu jikkonferma li hu jigi missier il-konvenut l-iehor Clive Cassar. Dan il-konvenut ikkonferma li s-senter in kwstjoni kien ilu ghandu biss ftit granet qabel sehh l-incident in kwestjoni u f'dawk i-ftit granet l-istess konvenut uza s-senter biss darbtejn. Huwa jghid li s-senter kien izommu skargat u mnaddaf gol-pocket tieghu u kien ikun maqful fil-gwardarobba fil-kamra tas-sodda tieghu u ta' martu. Dan in kwstjoni kien l-ewwel senter li qatt kellu. Fil-gurnata in kwestjoni il-Konvenut Andrew Cassar hareg kmieni mid-dar u meta rritorna lura d-dar biex ibiddel induna li s-senter ma kienx fejn kien ghallih. Il-konvenut qal li gie f'mohhu li ibnu Clive seta ha s-senter biex juzah u li probabilment kien mar bih ir-Ramla. Ghalhekk il-konvenut Andrew cassar mar ir-Ramla u kif kien fl-inhawi
tar-Ramla huwa ra lill-ibnu Clive gej jigri jghajjat u mwerwer. Ibnu Clive qallu li setgha kien hemm bzonn li Horace Mifsud jittiehed ghand tabib ghaliex kien imbaramlu is-senter u kien laqat b'tir lil Horace Mifsud. Horace Mifsud eventwqalment ittiehed l-Isptar. Il-konvenut Andrew Cassar jghid ukoll li huwa informa l-Ghassa b'dak li kien gara. L-istess konvenut ikkonferma li qatt ma ta permess lil hadd, inkluz lill-ibnu Clive Cassar biex juzaw

is-senter u in effett ibnu Clive qatt ma talbu biex in effett juza s-senter.

Fil- kontro-esami l-istess konvenut Andrew Cassar jikkonferma li kien izomm s-senter maghluq fil-gwardarobba. Ic-cavetta tal-istess gwardarobba pero' kienet tithalla tigri fil-gwrdarobba u l-konvenut f'dan ir-rigward jammetti li kulhadd seta b'hekk jiftah il-gwardarobba u jiehu s-senter u l-munizzjon li kienu jinzammu hdejn is-senter. Dan kollu jikkonferma li s-senter u l-munizzon ma kienux jinzammu go post li kien zgur. Kien facli ghall-konvenut Clive Cassar li jiehu s-senter u l-munizzjon. Dan il-fatt jirrizulta li kien kawza principali ghala sehh l-incident in kwestjoni u kwindi anke l-konvenut Andrew Cassar ghandu jitqies li kien responsabbli ghal dan l-incident u ghad-danni konsekwenzjali.

Ghandu jinghad ukoll li ma jirriflettiex b'mod posittiv fuq il-konvenut Andrew Cassar il-fatt li jirrizulta li l-istess konvenut ghall-ewwel, u dan anke fl-inkjesta magisterjali, kien ta versjoni kompletament inveritjera kif sehh l-incident. GHall-verita' ghandu ukoll jinghad li sussegwentement u eventwalment l-istess konvenut tal-verzjoni kif effettivament sehh l-incident.

Likwidazzjoni tad-danni

Ghar-rigward tat-telf effettiv u l-ispejjez li d-danneggjati cioe' l-atturi kellhom ghamlu minabba l-konsegwenzi tal-effett tal-agir kolpuz tal-konvenuti ("damnum emergens) Jirrizulta li fl-isparatura in kwestjoni ntlaqat l-"windscreen" li u gew kawzati danni fl-istess "windscreen." L-atturi naqsu pero' li jgibu provi f'dan ir-rigward.

Ghar-rigward tal-likwidazzjoni tat-telf ta' qliegh fil-futur minhanba l-mewt ta' Horace Mifsud (lucrum cessans). F'dan il-kaz il-werrieta huma intitolati ghal lucrum cessans kemm il-darba jirrizulta li bil-mewt ta' Horace Mifsud l-atturi, cioe' hutu, attwalment sofrew xi telf minhabba l-mewt in kwestjoni. Fi kliem iehor l-atturi ghandhom jippruvaw li huma tilfu xi haga mill-qligh li seta dahhal fil-

futur il-vittima.  Irid jirrizulta li hemm certu dipendenza tal-atturi fuq il-qligh tal-vittima. Dan hu orincipju u hu relata mal-principju l-iehor li fl-ordinament guridiku taghna ma jinghatax kumpens gahd-danni morali izda ghad-danni reali. In effett ma jidhirx li jista jinghad li l-atturi kienu dipendenti mill-introjtu tal-vittima.

Mill-banda l-ohra jirrizulta li l-vittima kellu impjeg regolari u hu aktar milli probabli li huwa kien jikkontribwixxi ghal bzonnijiet ta’ kulljum tal-familja. Hu ghalhekk ma jistax jigi eskluz li b’xi mood kien hemm certu dipendenza fuq id-dhul tal-vittima. Hu ovvju li dan kollu ser jittiehed in konsiderazzjoni fl-efftiiva likwidazzjoni tad-danni. Ghal dak li jirrigwarda d-dhul annwali tal-vittma jirrizulta li l-istess vittima kellu tnejn u ghoxrin (22) sena meta sehh l-incident in kwestjoni. Jirrizulta li kien impjegat mall-Malta Shipbuilding Company Limited u d-dhul tieghu kien ta’ circa tlett elef, erba’ mija u tlettax-il lira Maltin (Lm3,413)

Ghar-rigward tal-multiplier ghandhom possibilnment jinghataw konsiderazzjoni lill-aspettattiva tal-hajja tax-xoghol tal-vittima. Tenut kont tal-fatturi kollha rilevanti in partikolari l-eta’ tal-vittima meta sehh l-incident hu opportun li fil-kaz in kwestjoni, tenut kont ukoll tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz il-multiplier ghandu jkun ta’ ghoxrin (20) sena. Konsidrat dak li nghad aktar il-fuq dwar il-grad ta’ dipendenza kif ukoll konsidrat li l-vittima kien ghadu zghir u ghalhekk kien hemm probabilita’ kbira li f’qasir zmien hu seta jizzewweg u kwindi jifforma familja ghalih. Ghalhekk d-dipendenza kienet ovvjament tonqos. Ghalhekk mill-ammont finali ghandu. jitnaqqas hamsin fil-mija (50%) u inoltre ghandu jkun hemm tnaqqis ulterjuri bhala ‘lump sum deduction’ ta’ hamsin fil-mija ohra.

Ghalhekk is-somma tad-danni ghandha tigi likwidata bil-mod segwenti Paga attwali fis-sena ta vittima Lm3413 li trid tigi moltiplikata b’ghoxrin (20) sena. Lm 3413 x 20 = Lm68260. Minn din is-somma irid jitnaqqas hamsin fil-mija (50%). Kwindi r-rimanenti somma hi ta Lm34130. Minn din l-ahhar somma jrid jerga jitnaqqas hamsin fil-mija (50%) ulterjuri. Kwindi d-danni ghandhom jigu likwidati fis-somma ta’ Lm10239 ekwivalenti ghal euro tlieta u ghoxrin

elf tmien mija u sitta u hamsin u seba u tmenin centezmu (€23856.87) liema somma z-zewg konvenuti ghandhom jigu kkundannati li jhallsu lill-atturi bhala danni sofferti bhala kwza tal-mewt ta' hu l-atturi. L-eccezzjonijiet kollha taz-zewg konvenuti Andrew Cassar u Clive Cassar ghandhom jigu respinti.

Ghal dawn il-motivi kollha:-

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjoni kollha tal-konvenuti u billi tilqa t-talbiet tal-atturi u ghahekk tiddikjara li z-zewg konvenuti huma  responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi meta fl-10 ta' Marzu 1991 ghal xi 1-10am fil-Bajja ta' San Tumas, il-konvenut Clive Cassar negligentement skarga tir minn senter ta' missieru Andrew Cassar, li bi traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti halla li l-istess senter jispicca f'idejn ibnu minuri u kkawza l-mewt ta' Horace sive Grezzju Mifsud li tieghu l-atturi huma bil-ligi eredi. Tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' Lm10239 ekwivalenti ghal euro tlieta u ghoxrin elf tmien mija u sitta u hamsin u seba u tmenin centezmu (€23856.87) u tikkundanna liz-zewg konvenuti jhallsu lill-atturi l-imsemmija somma ta €23856.87 bl-imghaxxjiet kollha legali sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez kollha kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------